MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2014

Numru. 22/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Johann J Fenech)**

**vs**

**Omar Osman Omar**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat Omar Osman Omar ta’ 34 sena, imwieled is-Somalja fl-1 ta’ Jannar 1979, iben Osman u Falasti nee` Ahmed, residenti Numru 109, Triq Sant’ Ursola, Valletta u detentur tal-karta tal-identita’ numru 74356(A):

Akkuzat talli f'dawn il- Gzejjer, nhar it-23 ta'Mejju 2013 u matul it-tlett xhur ta' qabel din id-data:

a) Kellu fil-pussess tieghu id- droga **Erojina** specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall- esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b' xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d- droga msemmija giet fornuta lilu ghall- uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar- regoli ta' l-1939 dwar Kontrolll tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l- Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba titratta mal-imputat bhala wiehed li sar recidiv b' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali

ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha.

Il-Qorti semghet trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-imputazzjoni kif migjuba fil-konfront tieghu, kif ukoll tal-addebitu tar-recidiva.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fatt li kkopera bis-shih mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha. Hadet ukoll in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat u illi l-istess imputat wera xewqa li jinghata ghajnuna sabiex jirrijabilita ruhu mill-vizzju tad-droga.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikolu 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussisdjarja 101.02, u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni kif migjuba fil-konfront tieghu, u tal-addebitu tar-recidiva, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq maghmula u b' applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446, qed tqieghdu taht Ordni ta' *Probation* ghal zmien sentejn mil-lum, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-istess Ordni.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car il-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ *Probation* u kemm il-darba huwa jonqos milli jsegwi l-kundizzjonijiet indikati fl-istess Ordni ta’ Probation.

Stante li ma gewx mahtura l-ebda esperti f’dawn il-proceduri, il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-hati ghall-hlas ta’l-ispejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplati fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Finalment il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga u/jew l-affarjiet relatati mal-abbuz tad-droga, Dokument JF3, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------